**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gurisdizzjoni Superjuri**
**Sezzjoni Generali**

**Magistrat Dr. Brigitte Sultana LL.D., LL.M. (Cardiff), Adv. Trib. Eccl. Melit.**

**Illum, il-Gimgha 15 ta' Jannar 2021**

**Rikors Guramentat numru:- 81/2017BS**

**Joseph Cordina**

**vs**

**Wasteserv Malta Limited u Mario Bonnici**

Il-Qorti;

Rat ir-rikors guramentat fejn l-attur ppremetta:

1. Illi fit-tmienja (8) ta' Dicembru tas-sena elfejn u hmistax (2015) l-attur Joseph Cordina safa ferut per konsegwenza ta' incident li sehh fuq il-post tax-xoghol gewwa l-impjant tas-socjeta' intimata WasteServ Malta Limited fil-limiti tal-Kus, fix-Xewkija, Ghawdex;

2. Illi l-incident sehh meta l-attur gie mqabbad mill-intimat Mario Bonnici sabiex jaqla zewg imsiemer tal-azzar li kienu mwahhlin fl-art f'dan l-impjant u waqt li kien qed jaghmel dan skont l-istruzzjonijiet moghtija lilu mill-intimat Mario Bonnici, musmar minnhom tar u laqat lill-attur f'ghajnejh;

3. Illi per konsegwenza tal-incident hawn fuq imsemmi l-attur Joseph Cordina sofra feriti gravi f'ghajnu l-leminija li hallewh ibaghti minn debilita' permanenti kif sejjer jirrizulta dettaljatament waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

4. Illi l-attur Joseph Cordina sofra danni emergenti u kif ukoll lukri cessanti per konsegwenza ta' dan l-incident;

5. Illi l-konvenuti jew min minnhom kienu unikament responsabbli ghal dan l-incident minhabba li l-imsemmi incident sehh tort, b'negligenza, imperizja u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tas-sahha u sigurat fuq il-post tax-xoghol da parti tal-konvenuti jew min minnhom;

6. Illi ghalkemm il-konvenuti gew interpellati permezz ta' ittra ufficcjali numru tliet mija u tmintax tas-sena elfejn u sittax (318/2016) datata tmintax (18) ta' Lulju tal-elfejn u sittax (2016) sabiex jersqu ghal-likwidazzjoni u hlas tad-danni kollha sofferti mill-attur, huma baqghu nadempjenti.

Talab lil dina l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara illi l-konvenuti jew min minnhom kienu unikament responsabbli ghall-incident li sehh fit-tmienja (8) ta' Dicembru tas-sena elfejn u hmistax (2015) fl-impjant tal-Wasteserv Malta Limited gewwa x-Xewkija, Ghawdex u li fih wegga' gravi l-attur Joseph Cordina;

2. Tiddikjara li per konsegwenza ta' dan l-incident l-attur Joseph Cordina sofra deblita permanenti f'ghajnu l-leminija;

3. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur Joseph Cordina billi tiddikjara illi jikkonsistu f'dawk id-danni emergenti u lukri cessanti illi jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

4. Tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom ihallsu d-danni kif hekk likwidati.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata tmintax (18) ta' Lulju tal-elfejn u sittax (2016) u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni illi ghaliha minn issa l-konvenuti qed jigu ngunti.

Rat ir-risposta guramentata ta' Mario Bonnici illi eccepixxa:

1) Illi preliminarjament il-*privilegium fori* stante li s-socjeta' intimata ghandha l-ufficcju registrat f'Malta waqt li l-esponenti (intimat) huwa wkoll residenti f'Malta;

2) Illi preliminarjament ukoll l-esponenti mhuwiex il-legittimu kuntradittur;

3) Illi preliminarjament ukoll l-esponenti qatt ma agixxa fil-kwalita' personali tieghu;

4) Illi inoltre, l-esponenti *la proprio* u lanqas *nomine* ma huwa u qatt ma kien l-*employer* tar-rikorrenti u ghaldaqstant mhuwiex marbut bl-obbligi li jorbtu lill-*employer* li jipprovdi '*a safe place of work*' u '*a safe system of work*';

5) Illi fil-mertu l-esponenti la *proprio* u lanqas *nomine* qatt ma ta xi struzzjonijiet lir-rikorrenti dwar kif ihaddem il-gaffa de quo;

6) Illi fil-mertu ma jezisti l-ebda ness kawzali bejn l-allegat akkadut u l-esponenti;

7) Illi fil-mertu, l-esponenti ma kkawza l-ebda dannu lir-rikorrenti;

8) Salv eccezzjonijiet ultejuri.

Rat ir-risposta guramentata ta' Wasteserv Malta Limited fejn l-avukat Dottor Gavin Gulia eccepixxa:

1. Preliminarjament is-socjeta' Wasteserv Malta Limited mhiex il-legittimu kontradittur stante li fil-gurnata meta sehh l-allegat incident l-impjant maghruf bhala "Tal-Kus" fix-Xewkija, Ghawdex kien fil-pussess esklussiv tal-Konsorzju BS Environment Joint Venture (Bonnici Bros Contractors Ltd u Sidercamme SRL), tant li l-impjant inghata fil-pussess u fil-proprjeta' kontrattwali lis-socjeta' eccipjenti fl-14 ta' Dicembru 2015 u kwindi s-socjeta' eccipjenti ghandha tigi lliberata mill-osservanza tal-gudizzju.

2. Illi wkoll in linea preliminari u minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, il-management ta' l-impjant in kwistjoni kien f'idejn il-

konsorzju precitat sew qabel id-data ta' l-allegat incident kif ukoll wara d-data ta' l-allegat incident, kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

3. Illi fil-mertu, is-socjeta' eccipjenti mhix responsabbli ghall-incident in kwistjoni stante li dak il-hin ta' l-incident l-allegat vittma u cioe' Joseph Cordina kien qieghed isuq skid steer loader u kien imqabbad, assistit u/jew sorveljat mill-kuntratturi, u cioe' mill-konsorzju precitat, u bl-ebda mod is-socjeta' eccipjenti ma kellha sehem u ma kellhiex x'taqsam assolutament ma' l-incident.

4. Illi di piu', l-istess Joseph Cordina, minn jeddu jew ghax dirett mill-intimat l-iehor Mario Bonnici jew mill-konsorzju, ghamel uzu minn skid steer loader biex jaqla' zewg imsiemer li kienu mwahhlin f'rampa tal-konkos, meta huwa minn ewl id-dinja, in materja tas-sengha u t-teknika, li mhux il-mod idoneju li jintuza skid steer loader biex jitnehhew l-imsiemer, u dan in linea mal-principju "volenti non fit injuria"

5. Illi f'kull kaz l-istess Joseph Cordina ikkontribwixxa b'ghemilu stess ghall-incident u kwindi jwiegeb ukoll ghad-danni allegatament minnu subiti.

6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

**Il-Qorti**;

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat l-affidavit ta' Joseph Cordinaipprezentat fid-29 ta' Novembru, 2017[1] bid-dokumenti annessi mieghu;

Rat ix-xhieda ta' Dr. Michael Refalo tad-29 ta' Novembru, 2017[2], inkluz kopja tal-fajl mediku tar-rikorrent[3];

---

[1] A fol 28 sa fol 33 tal-process
[2] A fol 41 sa fol42 tal-process
[3] A fol 43 tal-process

Rat ix-xhieda ta' Charlo Buttigieg tad-29 ta Novembru, 2017[4], kif ukoll id-dokumenti pprezentati waqt ix-xhieda[5].
Rat ukoll il-kontinwazzjoni tax-xhieda tas-seduta ta' l-20 ta Frar, 2018[6], kif ukoll ix-xhieda moghtija fl-1 ta' Gunju 2018[7] u dik moghtija fit-2 ta' Novembru, 2018[8].

Rat in-nota guramentata tar-rikorrent rigward l-ispejjez inkorsi minnu in konnessjoni mall-incident[9];

Rat in-nota tar-rikorrent li permezz taghha pprezenta c-certifikat rilaxxat minn Profs. Thomas Fenech[10];

Rat ix-xhieda ta' PS 552 Matthew Grech fis-seduta ta' l-20 ta' Frar, 2018[11], kif ukoll id-dokumenti pprezentati seduta stante[12];

Rat ix-xhieda ta Joseph Gauci tas-seduta ta' l-20 ta' Frar, 2018[13];

Rat ix-xhieda ta Joseph Muscat tas-seduta ta' l-20 ta'Frar, 2018[14];

Rat ix-xhieda ta David Saliba tas-seduta tat-18 ta' April, 2018[15];

Rat ix-xhieda ta' Marcel Tabone tas-seduta tat-18 ta' April, 2018[16], kif ukoll id-dokumenti esebiti seduta stante[17];

Rat ix-xhieda ta Stefan Salamone tas-seduta tat-18 ta' April, 2018[18];

Rat ix-xhieda ta' Daniel Cordina tas-seduta tat-18 ta' April 2018[19];

---

[4] A fol 44 sa fol 54 tal-process
[5] A fol 55 sa fol 86 tal-process
[6] A fol 149 tal-process
[7] A fol 247 sa fol 249 tal-process
[8] A fol 288 sa fol 294 tal-process
[9] A fol 98 sa fol 118 tal-process
[10] A fol 119 sa 120 tal-process
[11] A fol 121 sa fol 123 tal-process
[12] A fol 124 sa fol 130 tal-process
[13] A fol 131 sa fol 137 tal-process
[14] A fol 138 sa fol 148 tal-process
[15] A fol 199 sa fol 200 tal-process
[16] A fol 201 sa fol 202 tal-process
[17] A fol 203 sa fol 204 tal-process
[18] A fol 205 sa fol 219 tal-process
[19] A fol 221 sa fol 224 tal-process

Rat ix-xhieda ta' Anthony Sultana tas-seduta ta' l-1 ta' Gunju, 2018[20];

Rat l-affidavit ta Charmaine Cordina pprezentat fl-1 ta' Gunju, 2018[21];
Rat ix-xhieda ta' Profs. Thomas Fenech ta l-4 ta' Gunju, 2018[22];

Rat ix-xhieda ta' l-attur Joseph Cordina tas-seduta tat-2 ta' Novembru, 2018[23] kif ukoll il-kontro ezami li sar fil-5 ta' April, 2019[24];

Rat l-affidavit ta Mario Bonnici ipprezentat fit-30 ta' Jannar, 2019[25] u l-kontro ezami tieghu tat-3 ta' Marzu 2020[26];

Rat ix-xhieda u l-provi dokumentali kollha pprezentati fl-atti;

Rat il-verbal taghha tat-03 ta' Marzu, 2020 , li bih il-Qorti halliet il-kawza ghas-sentenza bil-partijiet inghataw il-fakolta li jipprezentaw noti ta sottomissjonijiet fi zmien tliet xhur;

Rat li l-konvenut Mario Bonnici fis-06 ta' Awissu, 2020 intavola rikors fejn talab lill-Qorti sabiex takkordalu l-fakolta illi jaghmel nota ta sottomissjonijiet wara li kien iddekorra t-terminu gia moghti liema talba giet akkordata u l-konvenut Bonnici inghata l-fakolta li jipprezenta n-nota entro t-terminu ta' hmistax–il gurnata mill-14 ta' Awissu, 2020, id-data tad-digriet.

Rat fit-02 ta' Settembru,2020 giet ipprezentata n-nota ta' sottomissjonijiet da parti tal-konvenut Mario Bonnici.

**Ikkunsidrat**

Illi din hija azzjoni ta' danni wara korriment fuq il-post tax-xoghol u hija l-msejsa kemm fuq il-htija kuntrattwali, kif ukoll fuq dik akwiljana. L-attur kien impjegat bhala "*sorter*" fl-impjant ta' l-iskart f'tal-Qortin, Xaghra, Ghawdex. Huwa jghid illi kien intbaghat fl-impjant tal-Kus, fix-Xewkija. Hemmhekk kien hemm il-konvenut Mario Bonnici fejn dan tah

[20] A fol 239 sa fol 245 tal-process
[21] A fol 253 sa fol 255 tal-process
[22] A fol 260 sa fol 263 tal-process
[23] A fol 297 sa fol 301 tal-process
[24] A fol 316 sa fol 339
[25] A fol 307 sa fol 309
[26] A fol 390 sa fol 392 tal-process

struzzjonijiet sabiex jaqla' zewg imsiemer illi kienu qed jesporgu minn gol- konkos ma' l-art. Jghid illi Bonnici qallu biex juza l-gaffa u li kien ser jurih hu kif jaqlahom. Ikompli jghid illi huwa ghamel kif ordnat u filwaqt li l-ewwel musmar inqala' minghajr problemi, it-tieni wiehed tar u dahal f'ghajnejh il-leminija. Dan l-incident wassal biex huwa garrab hsara f'ghajnejh u minkejja l-interventi kirurgici li sarlu l-vista baqghet hazina. Huwa jghid li l-imharrkin, jew min minnhom, jahtu ghal dak li gralu u jrid li l-Qorti ssib min kien jahti u li tillikwida d-danni li garrab fl-imsemmi incident u tikkundanna lil min jahti biex jikkumpensah;

Illi ghal din l-azzjoni, is-socjeta' konvenuta Wasteserv Malta Limited laqghet billi ssollevat l-eccezzjoni li ma hix legittimu kontradittur billi dak inhar ta' l-incident l-impjant "Tal-Kus" fix-Xewkija kien ghadu fil-pussess tal-konsorzju BS Environment Joint Venture. Tghid illi meta sehh l-incident l-istruzzjonijiet fl-impjant "tal-Kus" ma kienux qed jinghataw minnha u li l-attur kien taht is-sorveljanza tal-kuntratturi. Barra minn hekk meta l-attur ghamel uzu minn *skid loader* biex jaqla' l-imsiemer kien jaf li dan ma kienx il-mod idoneju ta' kif kellu jsir dan ix-xoghol. Tkompli tghid li dan l-incident kien dovut ghal nuqqas minn naha ta' l-attur innifsu.

Illi, min-naha l-ohra, l-imharrek Bonnici laqa' ghall-azzjoni attrici billi, preliminarjament, qajjem l-eccezzjoni tal-*privilegium fori*. Huwa cahad li huwa l-legittimu kontradittur. Fil-mertu, qal li huwa ma kienx l-imghallem ta' l-attur u ghalhekk ma huwiex marbut bl-obbligu li jipprovdi post sigur ghall-haddiem u li jipprovdi sistemi sikuri ta' xoghol biex jitnaqqas il-perikolu. Kompla jghid illi huwa ma ta l-ebda struzzjoni lill-attur dwar kif ihaddem il-gaffa u li ma jezisti l-ebda ness kawzali bejnu u bejn l-incident lamentat;

**Fatti.**

Minn dak li rrizulta waqt il-kawza l-attur huwa mpjegat mal-JF Services Limited[27]. Il-paga jirceviha minghand din il-kumpanija[28]. Xoghlu pero' kien bhala "*waste sorter*"[29] fl-impjant tal-Qortin, Xaghra, Ghawdex, liema impjant kien immexxi mis-socjeta konvenuta Wasteserv Malta Limited. L-attur ghamel ukoll kors b'success "*Principles of Safe Heavy Plant Equipment*

---

[27] A fol 203 tal-process
[28] A fol 316 tal-process
[29] A fol 205 tal-process

*Operation*"[30]. Dak inhar ta' l-incident 8 ta' Dicembru, 2015, waqt li kien il-Qortin, Charlon Buttigieg, Inginier mall-Wasteserv Malta Limited qallu biex imur fl-impjant f"Tal-Kus" fix-Xewkija. Infurmah li hemmhekk huwa kellu jsuq il-*bobcat* sabiex jimbotta l-borza l-griza ghal fuq il-"*conveyors*". Dan kien parti mill-ezercizzju sabiex jigu ppruvati l-magni f'dan l-impjant gdid.

Jirrizulta wkoll illi meta wasal f'"Tal-Kus" l-attur mar fuq il-*bobcat* sabiex jiccekkja jekk kienx fih ilma u zejt. Mix-xhieda li ta Stefan Salamone, il-*Health and Safety Manager* tal-kumpanija Wasteserv, minn investigazjoni illi saret wara l-incident irrizulta li l-ordni sabiex l-imsiemer jinqalghu nghatat mill-konvenut Mario Bonnici[31]. Da parti tiehu l-attur jghid illi meta huwa talab ghall-ghodda sabiex ikun jista' jaqla' dawk l-imsiemer Bonnici infurmah illi ma kienx hemm u li kellu juza l-*bobcat*. L-attur ghamel kif ordnat u fil-waqt li l-ewwel musmar inqala' minghajr xkiel, ittieni wiehed tar u ppenetra f'ghajnejh il-leminija.

L-attur ittiehed l-isptar fejn sarlu ntervent kirurgiku minn Dr. Ivan Vella. Wara dan l-intervent il-vista baqghet hazina u l-attur irrikorra ghand il-Profs. Thomas Fenech sabiex jiehu opinjoni ndipendenti. L-attur kellu jaghmel operazzjoni ohra f'Awissu 2016. Skont Profs Fenech "*Nikkonferma li this is the final and permanent situation, no more surgery can be done*"[32] u rizultat ta' dan kollu l-attur qed isofri minn dizabilta' totali ta' 25%.[33]

Mill-atti jirrizulta wkoll li l-espert oftalmologu mqabbad mill-Qorti Mr. Benedict Vella Briffa ikkonkluda li l-attur qed ibati minn "*permanent impairment of 27%*"[34]

Illi fit-13 ta' Ottubru, 2017, infethet din il-kawza;

Illi issa l-Qorti sejra tghaddi biex taghmel il-kunsiderazzjonijiet ta' natura legali marbutin mal-kaz. Il-Qorti trid tistabbilixxi min kien hati ta' l-incident li fih korra l-attur u dan fid-dawl tal-eccezzjonijiet imressqin mill-konvenuti li t-tnejn li huma jichdu xi sura ta' htija ghal dak li gralu l-attur.

---

[30] A fo 34 tal-process
[31] A fol 209 tal-process
[32] A fol 261 tal-process
[33] A fol 261 tal-process
[34] A fol 130 tal-process

Izda qabel kull haga ohra, il-Qorti l-ewwel trid titratta l-eccezzjonijiet preliminari sollevati miz-zewg konvenuti u ser tghaddi sabiex tibda bl-ewwel zewg eccezzjonijiet preliminari tas-socjeta' konvenuta Wasteserv Malta Limited billi huma marbutin flimkien u wahda hija konsegwenzjali ghall-ohra.

Is-socjeta' konvenuta tghid li hija ma hix il-legittimu kontradittur tal-azzjoni attrici u li l-impjant f'Tal Kus kien ghadu ma ghaddhiex f'idejha sew qabel kif ukoll wara l-incident. Ir-raguni moghtija minn din il-konvenuta hija li dak inhar li sehh l-incident in kwestjoni l-impjant fejn korra l–attur kien fil-pussess tal-konsorzju BS Environment Joint venture li kien kompost minn Bonnici Bros. Contractors Ltd. u Sidercamme SRL. Infatti din il-konvenuta tecepixxi li l-pussess ta' l-impjant ghadda ghandha fl-14 ta Dicembru 2015, jigifieri wara li sehh l-incident in kwistjoni.

Irid jinghad izda li l-lok fejn sehh l-incident ma hux fattur determinanti sabiex jigi deciz jekk konvenut hux legittimu kontradittur jew le u dan stante illi sabiex il-Qorti tiddeciedi dwar jekk konvenut ghandux jigi lliberat mill-osservanza tal-gudizzju jew le trid tindaga dwar ir-rabta guridika bejn dak il-konvenut u l-attur. Fil-kaz in ezami jirrizulta li l-attur dak inhar ta' l-incident kien impjegat ma' JF Services Limited bhala "*waste collector*" pero' ix-xoghol kien jaghmlu mal-kumpanija konvenuta bhala "*sorter*" fl-impjant tal-Qortin, Xaghra Ghawdex, immexxi mill-istess kumpanija konvenuta. Dan ifisser li ghalkemm, kif jirrizulta mill-atti, l-attur kien jipprecepixxi l-paga minghand il-kumpanija JF Services Limited, pero' ix-xoghol li kien jaghmel sabiex jinghata dik il-paga kien mal-kumpanija konvenuta Wasteserv Limited. Il-Qorti ghalhekk tqis illi f'dan il-kaz ghalkemm l-attur ma kienx impjegat direttament mill-kumpanija konvenuta madankollu din kienet qed tagixxi *qua* l-*employer* ta' l-attur u ghalhekk ma tistax titqies li ma hix legittimu kontradittur. Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet din il-Qorti ser tichad dawn iz-zewg eccezzjonijiet.

Rigward il-konvenut Mario Bonnici dan qajjem tliet eccezzjonijiet preliminari – wahda tirrigwarda l-*privilegium fori* , l-ohra li huwa ma hux legittimu kontradittur u t-tielet wahda li huwa ma agixxiex fil-kwalita' personali tieghu.

Fil-konfront ta' l-ewwel eccezzjoni preliminari cioe' dik tal-*privilegium fori* din il-Qorti fliet il-process u ghalkemm ma jirrizulta mill-ebda verbal illi dan il-konvenut irrinunzja ghal din l-eccezzjoni, madankollu l-fatt illi l-kaz baqa' jinstema' quddiem il-Qorti t'Ghawdex, fil-gurisdizzjoni superjuri taghha, il-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha.

Rigward it-tieni eccezzjoni preliminari ta' l-imharrek Bonnici li huwa ma hux legittimu kontradittur il-Qorti tinnota li f'din l-eccezzjoni dan il-konvenut ma jaghtix ir-raguni ghaliex huwa jemmen illi ma hux legittimu kontradittur. Da parti taghha l-Qorti hija tal-fehma li din l-eccezzjoni ma ghandhiex mis-sewwa u dana ghax mill-process jirrizulta aktar minn darba li Mario Bonnici kien il-persuna illi qal lill-attur sabiex jaqla' l-imsiemer inkastrati fil-konkos bil-*bobcat*. Dan il-fatt anke jirrizulta min-nota ta' l-osservazzjonijiet intavolata mill-konvenut innifsu. Fid-dawl ta' dan kollu l-Qorti ser tichad din l-eccezzjoni.

Fil-konfront tat-tielet eccezzjoni ta' dan l-imharrek, mill-atti jirrizulta li l-konsorzju BS Environment JV, kien maghmul minn Bonnici Brothers Contractors Limited u Sidercamma s.r.l.[35]. Mid-dokumenti pprezentati mill-imharrek Bonnici stess jirrizulta illi l-persuna illi kienet awtorizzata minn u tagixxi f'isem il-konsorzju kien Emanuel Bonnici. Meta mistoqsi in kontro ezami l-konvenut Bonnici jghid illi huwa kien responsabbli mill-kostruzzjoni ta' l-impjant mhux mill-operat[36]. Barra minn hekk mill-atti minn imkien ma jirrizulta li Mario Bonnici kien inghata l-inkarigu jew il-fakolta sabiex f'isem il-konsorzju jaghti xi struzzjonijiet lill-impjegati li kienu mibghuta mill-Wasteserv f'tal-Kus dak inhar ta' l-incident. Minkejja dan izda fl-istess kontro ezami meta l-Qorti ssuggerietlu li kien huwa illi qal lill-attur kif ghandu jnehhi l-musmar[37], dan il-konvenut irrisponda fl-affermattiv. Fid-dawl tax-xhieda moghtija minnu ghalhekk din l-eccezzjoni ser tigi michuda ukoll.

F'dan l-istadju jrid jinghad li ghalkemm mad-daqqa t'ghajn, l-imharrkin ma jistghux jiggustifikaw bl-ebda mod li tharrku ghal xejn jew li ma messhomx tharrku madankollu dan ma jfissirx li bil-fatt li huma mharrka b'daqshekk ghandhom igorru l-htija ghal dak li gara. Kif gie ben tajjeb stabbilit mill-Qrati taghna, id-dikjarazzjoni tal-Qorti li parti in kawza tkun

---

[35] Ara document a fol 370 tal-process
[36] Ara Xhieda in kontro ezami a fol 390 tal-process
[37] Ara xhieda in kontro ezami a fo 391 tal-process

legittimu kontradittur ma tfissirx li l-Qorti ma tistax, fil-kunsiderazzjoni ta' l-eccezzjonijiet opposti ghat-talbiet, tasal ghall-konkluzzjoni li l-imharrek – dikjarat *prima facie* legittimu kontradittur – kien wara t-trattazzjoni tal-kawza jirrizulta ghal kollox barrani ghar-responsabilitajiet lilu addebitati mill-attur fl-azzjoni minnu tentata[38].

Il-Qorti issa ser tghaddi sabiex tqis il-mertu tat-talbiet attrici. F'azzjoni bhal dik in ezami li hija msejsa fuq id-dannu u l-kumpens pretiz, l-ewwel stharrig li trid taghmel il-Qorti huwa li tistabbilixxi x'gara dak inhar li sehh l-incident *de quo* u x'rabta kellhom dawk il-fatti ma' dak li ghadda minn ghalih l-attur. Dan l-ezercizzju evalwattiv iwassal lill-Qorti sabiex tkun tista' tikkonkludi min effettivament jahti ghal dak li gara u min irid jaghmel tajjeb ghad-danni konsegwenzjali.

A bazi tal-principju illi minn jallega jrid jipprova huwa *dunque* l-obbligu ta' l-attur li jgib provi tajba bizzejjed biex isostni l-kaz tieghu. Irid jigi apprezzat illi l-korriment wahdu marbut max-xoghol li kien qieghed jaghmel dak il-ħin, miftum minn fatti ohra rilevanti, awtomatikament ma jissarrafx fis-sejbien tal-htija ta' min kien qed ihaddmu. Matul l-kawza t-tezi wahdanija tal-attur kienet li korra waqt li kien qed jaghmel dak li tqabbad jaghmel minn Mario Bonnici fl-impjant tal-Kus fix-Xewkija. Jallega li da parti tas-socjeta' konvenuta Wasteserv, din naqset mill-obbligi taghha, dik li tipprovdi taghmir xieraq li jbieghed minnu l-periklu fit-twettiq ta' xoghlu u dan billi huwa ma giex fornit b'*safety goggles* u li l-kabina tal-*bobcat* kienet miftuha.

Da parti taghha s-socjeta' konvenuta Wasteserv Limited tiddefendi ruhha billi tghid illi fil-hin ta' l-incident l-attur kien qed jigi mqabbad, sorveljat u jew assistit mill-kuntratturi cioe' l-konsorzju BS Environment Joint Venture u ghalhekk ma kellha x'taqsam xejn ma' l-incident. Tghid ukoll li l-attur ghamel uzu minn *skid steer loader* meta din ma hix l-ghodda idoneja ghal dak ix-xoghol. Tkompli tghid illi l-attur stess bl-agir tieghu kkontribwixxa ghall-incident u l-hsara li konsegwentement sofra.

Min-naha tieghu l-imharrek Bonnici, jirribatti billi jghid illi huwa qatt ma kien l-imghallem ta' l-attur u ghalhekk ma kellu l-ebda obbligu li

---

[38] Frankie Refalo et vs Jason Azzopardi et, App.Civil, deciza 5 ta' Ottubru, 2001.

jipprovdi a "*safe system of work*" kif ukoll "*a safe place of work*". Barra minn hekk jinsisti li qatt ma ta struzzjonijiet lill-attur la fil-kwalita' tieghu personali u lanqas bhala rapprezentant tal-konsorzju. Jishaq illi ma hemm l-ebda ness kawzali bejnu u bejn il-hsara li garrab l-attur u li huwa ma kkawza ebda dannu lill-attur.

Fid-dawl ta' dawn il-verzjonijiet kontrapposti spetta ghall-Qorti li tistabbilixxi l-fatti kif jirrizultaw mill-process sabiex taghmel il-kostatazzjonijiet dwar ir-responsabbilita' u l-htija successiva ghall-incident in kwestjoni. F'dan l-istadju l-Qorti tinnota li l-konvenuti ma humiex qed jikkontestaw il-fatt li nhar it-8 ta' Dicembru, 2015 l-attur safa' midrub f'ghajnejh fl-impjant f'Tal-Kus Xewkija, Ghawdex. Li jrid jigi mistharreg issa huwa l-kwestjoni tar-responsabbiltà ghal dak li wassal ghall-incident u ghall-korriment tal-attur;

Illi d-dottrina tghallem illi fil-qasam ta' responsabbilta' dwar korriment fuq il-post tax-xoghol waqt il-qadi ta' dmirijiet tal-persuna li tkun, japplikaw kemm regoli generali kif ukoll specjali. Hawnhekk jenhtieg li ssir osservazzjoni mportanti – ir-regoli jsibu l-applikazzjoni taghhom meta l-impjegat jkun wegga' **waqt il-qadi ta' dmirijietu**. Dan ifisser illi l-ewwel ma jrid jigi stabbilit huwa x-xoghol ta' l-attur mas-socjeta' konvenuta Wasteserv Limited f'xhiex kien jikkonsisti billi jekk impjegat iwegga' waqt li jkun qed jaghmel attivita' illi ma tkunx tirrafigura bhala parti mill-qadi ta' dmirijietu, ma jistax imbaghad jippretendi illi min ihaddmu jinstab responsabbli ghall-hsara illi huwa stess jkun sofra tort ta' l-agir tieghu.

Fil-kaz in ezami jirrizulta li l-attur kien impjegat bhala "*waste sorter*"[39]. Fl-affidavit tieghu huwa jafferma wkoll illi kien anke segwa b'success kors ta' kif ghandu jmexxi u jopera *heavy plant equipment.* Tant hu hekk illi anke pprezenta c-certifikat li nghata[40]. Billi kellu fil-pussess tieghu tali certifikat huwa kien isuq il-*bob cat* u skont hu anke gaffa[41].

Dak inhar ta' l-incident l-attur beda xoghol tal-Qortin u mbaghad skont hu :

> "*l-inginier Charlo qalli biex ninzel ix-Xewkija tal-Kus*"[42]

---

[39] Ara xhieda ta Stefan Salamone a fol 205 tal-process, affidavit ta' l-attur a fol 29,
[40] A fol 34 tal-process
[41] Ara x-xhieda ta' l-attur in kontro ezami a fol 319 tal-process
[42] Ara x- xhieda ta' l-attur in kontro ezami a fol 317 tal-process

Mistoqsi ghalfejn intalab mill-Inginier biex jinzel f'tal-Kus, ir-risposta ta' l-attur kienet cara:

*"Biex nippruvaw il-magna…….tal-conveyor, konna ha nipprovaw il-griza….Dik biex nirriciklaw."*

U aktar 'il quddiem fil-kontro ezami jkompli hekk:

*"<u>L-Avukat Dottor Gavin Gulia</u>:*
*…….. Mela ghidli naqra x'kont mort taghmel hemmhekk barra li qalulek biex tnehhi l-imsiemer? Meta mort hemmhekk ma mortx filghodu bid-designaton, ara jekk taqbilx mieghi, ma mortx ghax qalulek mur aqla l-imsiemer, imma mort biex taghmel xoghol iehor, naqblu?*

*<u>Ix-xhud</u> :*
*Iva"*[43]

Imbghad aktar tard ghal mistoqsija:

*"L-Avukat Dottor Gavin Gulia:*
*X'mort taghmel, x'qalulek biex taghmel dakinhar?*

*Ix-xhud:*
*Mort biex nimbotta l-borza l-griza ghal fuq il-conveyor"*[44]

B'din ix-xhieda moghtija mill-attur innifsu huwa car li l-attur bhala mpjegat li jwettaq xoghlu mal-kumpanija konvenuta kien inghata inkarigu car mill-imghallem tiehu sabiex imur fl-impjant tal-Kus biex bil-*bobcat* jimbotta l-borza l-griza ghal fuq il-*conveyor belt*. Dak inhar l-intiza kienet biex jippruvaw il-magna. L-attur kellu t-tahrig mehtieg biex isuq il-*bobcat*. Barra minn hekk l-ufficjal tal-Wasteserv Malta Limited, Charlo Buttigieg, il-persuna li tatu struzzjonijiet ghan-nom tal-kumpanija imharrka, biex imur f'Tal-Kus ma kienx ordnalu illi jmur juza l-*bobcat* sabiex jaqla' l-imsiemer. L-uzu tal-*bobcat* kellu jkun **BISS** biex tigi mbuttata l-borza l-griza ghal fuq il-*conveyor belt*. Dak kien ix-xoghol mistenni mill-attur u li ghalhekk jikkwalifika bhala qadi ta' dmirijietu.

[43] A fol 322 tal-process
[44] A fol 324 tal-process

Dan ifisser li l-meta wegga' l-attur ma kienx waqt il-qadi ta' dmirijietu u ma kienx qed jaghmel dak mistenni minnu mis-socjeta' konvenuta.

Irid jinghad illi r-reponsabbilita' ta' min ihaddem hija li jipprovdi ambjent hieles mill-perikolu. Dan jaghmlu billi anke jipprovdi lbies protettiv. L-attur iqajjem l-argument illi huwa ma nghatax *safety goggles* u ghalhekk dan skont hu, dan jikkostitwixxi nuqqas da parti tas-socjeta' konvenuta. Il-Qorti izda ma tikkondividix dan l-argument. Jibda biex jinghad illi l-pretensjoni ta' l-attur li kellu jinghata *safety goggles* hija nsostenibbi meta wiehed iqis illi l-bicca xoghol li kien qed jaghmel meta sehh l-incident, cioe' meta mar jaqla' l-imsiemer, ma kinitx dik pretiza mill-kumpanija u lanqas kien ix-xoghol li qabbditu jaghmel is-socjeta' konvenuta. Gia la darba l-attur mar jaqla' l-imsiemer *ad insaputa* ta' l-imghallem tieghu ma jistax imbaghad jargumenta li din kien imissha tfornih bis-*safety goggles*. Minn barra f'dan l-attur kien impjegat bhala "*waste sorter*" u ebda prova ma ngabet illi dik il-kategorija ta' haddiema kien suppost li jinghatalhom dawn is-*safety goggles*. Bl-argument tieghu l-attur donnu jrid jghabbi lill-kumpanija konvenuta bir-responsabbilita' ta' incident li sehh waqt attivita' li hija ma tatux struzzjonijiet li jwettaq. L-argument tieghu kien jirnexxi kieku kienet is-socjeta' konvenuta li tatu struzzjonijiet biex jaqla' l-imsiemer – li ma hux il-kaz[45]. Hawnhekk irid jinghad illi fil-Ligi nostrana huwa stabbilit li mhux l-imghallem biss ghadu dover jiehu hsieb l-impjegat tieghu izda huwa l-istess haddiem li ghanu l-obbligu li jħares is-sahha u s-sigurta' tieghu nnifsu[46] u ta' dawk kollha li jistghu jintlaqtu mix-xoghol li jkun qieghed iwettaq, u b'mod partikolari, ghandu jimxi id f'id ma' min ikun qieghed ihaddmu safejn jidhlu l-obbligi li l-ligi timponi fuq l-imghallem u l-awtoritajiet kompetenti. Ghalhekk il-ligi timponi l-obbligu fuq il-haddiem[47] li jzomm lura milli jqieghed lilu nnifsu f'sitwazzjoni li tesponih ghar-riskju bla bzonn u li joqghod f'kull hin attent ghal dak li jkun qieghed jaghmel[48]. B'mod partikolari, haddiem ghandu jkun konxju tal-perikli fuq il-lant tax-xoghol tieghu u ma ghandu qatt jaghmel manuvri azzardati li jghollu r-riskju tal-hsara jew tal-korriment lilu nnifsu u 'l dawk ta' madwaru[49].

[4545] A fol 133 tal-process
[46] Art. 7 (1) Kap 424 tal-Ligijiet ta' Malta
[47] Reg. 15 ta' l-A.L. 36 ta' l-2003
[48] Richard Farrugia vs Elbros Construction Limited, Prim Awla, deciza 30 ta' Ottubru, 2008
[49] Kevin Mallia vs Alf. Mizzi & Sons Ltd, Prim Awla, deciza 9 ta' Ottubru,2003

Di piu' ghalkemm huwa wkoll minnu li kull min ihaddem irid igorr ir-responsabbilita' li titlob prudenza, ghaqal u l-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja[50] pero' din ma hix "*strict liability*" u jekk jintwera li dak il-haddiem naqas li joqghod ghall-istruzzjonijiet jew ghall-prekawzjonijiet li l-imghallem tieghu jkun widdbu bihom jew ipprovdielu, jew jigi ppruvat li l-haddiem, bi traskuragni jew b'rieda, ikun hu nnifsu gab l-effetti tal-incident b'idejh, allura r-responsabbilita' ma tibqax aktar ta' min ihaddem, anzi di piu f'dawk ic-cirkostanzi r-responsabbilita' ta' min ihaddem tista' wkoll tixxejjen jekk kemm-il darba l-impjegat innifsu jkun traskurat jew sahansitra jmur kontra dak li jkun intalab li jaghmel jew li m'ghandux jaghmel[51]. Fil-kaz in ezami l-attur ghazel illi jaqla' l-imsiemer minkejja li dak ma kienx ix-xoghol li ghalih kien mar f'tal-Kus[52] ghax jirrizulta li l-attur kien intbaghat fl-impjant il-gdid f'tal Kus sabiex

*"..juza l-Bobcat biex jimbotta l-iskart fuq it-tapit. Ikun hemm skart mifrux ma l-art, u bil-Bob cat, bil-bucket tal-Bob cat jimbuttah fuq tapit biex imbaghad tibda l-linja"*[53]

Huwa ben car ghalhekk illi meta l-attur accetta illi jsuq il-*bobcat* ghall-haga ohra u mhux biex jimbotta l-iskart kif kien mistenni minnu mill-imghallem tieghu, dan ta' l-ahhar ma jistax jinzamm responsabbli ghall-hsara li garrab l-attur aktar u aktar meta jirrizulta mill-provi li l-istruzzjoni biex jintuza l-makkinarju biex jinqalghu l-imsiemer ma nghatax mill-kumpanija mharrka. Ghaldaqstant din il-kumpanija konvenuta ma hix responsabbli ghall-hsara, u ghalhekk isegwi illi lanqas ma tirrispondi ghad-danni pretizi.

Fil-konfront tal-konvenut l-iehor Mario Bonnici ma hemmx dubju pero' li kellu rwol ewlieni f'dak li gara fil-jum tal-incident u l-Qorti ma tistax twarrab minn fuqu sehem ta' htija ghal dak li gralu l-attur. Dan qed jinghad billi minkejja li fl-affidavit tieghu[54] dan il-konvenut jghid li la huwa u lanqas il-konsorzju ma huma *employers* ta' l-attur u li hu qatt ma tah struzzjonijiet ta' kif ghandha tithaddem il-gaffa, jirrizulta mod iehor kemm mix-xhieda moghtija kif ukoll mid-dokumenti esebiti fl-atti. Jirrizulta li dak inhar ta' l-incident il-haddiema marru Tal-Kus mill-Qortin

[50] Art. 1032(1), Kodici Civili, Kap 16 Ligijiet ta' Malta
[51] Malcolm James Carter vs CC.Carparks p.l.c, Prim Awla, deciza 4 ta' Novembru, 2015 (mhux appellata)
[52] Ara xhieda ta Stefan Salamone a fol 207 tal-process
[53] Ara xhieda ta Stefan Salamone a fol 212 tal-process
[54] A fol 308 sa fol 309 tal-process

sabiex jitharrgu u jigi ppruvat makkinarju gdid. Il-Qorti temmen ukoll illi meta l-imharrek Bonnici induna li kien hemm zewg imsiemer sporguti barra mill-konkos ghall-ewwel ipprova jaqlaghhom hu[55] permezz ta' pala. Meta dan ma rnexxielux qal lill-attur sabiex juza l-*bobcat*[56]. Dan ghamlu ghax billi l-impjant f'Tal Kus kien ghadu mhux qed jopera kien ghad ma hemmx l-ghodda kollha f'postha u ghalhekk haseb illi juza l-banju tal-*bobcat.*

Infatti fil-kontro ezami ta' dan il-konvenut huwa xehed hekk:

**"Dr. Chris Said: Ara tiftakarx li int stess ghidtlu kif irid jaghmel il-banju tal-gaffa biex itajru?**
**……**
**Dr. Chris Said: Iva jew le!**

**Ix-xhud: Iva, hekk hu, kien hemm musmar ma l-art."**

Il-pulizija PS 552 Matthew Grech[57] xehed minghar tlaqlieq illi :

**"L-Avukat Dr. Chris Said:**
**U Mario Bonnici x'qallek?**

**Ix-xhud:**
**Bonnici, mela, kien qalli li kien qabbad lil Cordina jaqla l-imsiemer**".

Din ix-xhieda ssahhah il-fehma tal-Qorti li l-imharrek Bonnici effettivament bl-agir tieghu ghen sabiex jimmaterjalizza l-incident li kkawza d-dannu lill-attur.

Parti mid-difiza ta' dan il-konvenut hija li huwa ma jimpjegax lill-attur u ghalhekk ma kellux obbligu li jipprovdi ambjent tax-xoghol fejn il-periklu huwa kkontrollat. Il-Qorti izda, filwaqt li tirrikonoxxi li l-imharrek Bonnici ma kienx l-imghallem ta' l-attur dak inhar ta' l-incident madankollu dan ma jfissirx li l-eghmil tieghu ma jgorr l-ebda piz. Tant hu hekk li r-regoli generali jghabbu lil **kull** persuna bir-responsabbiltà ghall-ghemil jew nuqqas ta' ghemil taghha[58]. Barra minn hekk il-ligi tghallem

[55] Ara xhieda ta' Joseph Muscat a fol 146 tal-proces
[56] Ara x-xhieda ta' Stefan Salamone a fol 209 tal-process
[57] A fol 121 sa fol 123
[58] Art. 1031 tal-Kodici Civli, Kap 16, Ligijiet ta Malta.

li **kull wiehed** iwiegeb ghall-hsara li tigri bil-htija tieghu[59], u jitqies fi htija **kull minn** fl-eghmil tieghu ma juzax il-prudenza, id-diligenza u l-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja[60].

Illi f'dawn ic-cirkustanzi, il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li dan l-incident seta' facilment gie evitat li kieku intuzat l-ghodda idoneja biex jinqalghu l-imsiemer. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu l-imharrek Bonnici jaccetta li huwa pprova jaqla' l-imsiemer u meta ma rnexxilux ra lill-attur fil-*bobcat* u qallu biex jaqlaghhom hu[61]. Kif gia nghad huwa xehed ukoll li lill-attur wrieh kif jaqleb il-banju halli jkun jista' jaqalghhom. Fil-mument li l-attur bit-tahrig kollu li kellu, accetta li jaghmel dak mitlub, huwa rrenda lilu nnifsu partecipi liema partecipazzjoni fethitu ghal riskju mhux gustifikabbli meta ddecieda li juza l-*bobcat* ghall-ghan li ma kienx fil-programm tal-gurnata u ghall-uzu li ma hux mahsub ghalih. Kien jinkombi fuq l-attur ir-responsabbilita' li ma jiehux dak ir-riskju.

Fil-kamp tad-dritt dwar il-htija u d-danni sussegwenti huwa principju assodat anke jekk f'qafas kuntrattwali bhalma huwa l-kuntratt tal-impieg, li jekk il-parti li tkun sofriet id-dannu tkun ghazlet minn rajha li tqieghed lilha nnifisha fil-periklu, ma tistax, imbaghad, titlob il-kumpens ghal dak li jista' jigrilha minhabba dak l-istess periklu (ir-regola li "*volenti non fit iniuria*")[62].

Huwa fatt ukoll li persuna bl-agir taghha tista' tirrendi lilha nnifisha suggett ghall-periklu, ghalkemm hija ma tkunx ikkawzat ghal kollox dak il-perikolu, imma tkun ikkontribwixxiet jew ippartecipat b'xi mod biex inholoq dak il-periklu. F'kaz bhal dak tali partecipazzjoni jew kontributorjeta' jnaqqas, xi ftit jew ghal kollox, mill-htija tal-persuna li tkun tat lok ghall-grajja li gabet il-hsara[63]. Issa huwa minnu li mill-atti jirrizulta ghal aktar minn darba li kien l-imharrek Bonnici li ta struzzjoni lill-attur biex juza l-*bobcat*, pero' l-istess attur seta' jirrifjuta illi jwettaq tali struzzjoni aktar u aktar meta huwa kien ben konsapevoli li l-imharrek Bonnici ma kienx l-imghallem tieghu, li hu kien intbaghat f'Tal-Kus biex jimbotta l-iskart ghal fuq it-tapit u kien jaf ukoll li l-*bobcat* ma hux l-ghodda ntiza biex taqla' l-imsiemer. Minkejja dan kollu accetta li jaghmel dak li qallu l-imharrek Bonnici. Fid-dawl ta' dak kollu li gia nghad hija l-

[59] Art. 1032(1) tal-Kodici Civili, Kap. 16, Ligijiet ta' Malta
[60] Art. 1032(2) tal-Kodici Civili, Kap. 16, Ligijiet ta' Malta
[61] Ara Pg. 9 tas-sottomissjonijiet
[62] Tessie Cardona et vs CV Builders Ltd, App. Civili, deciza 28 ta April, 2017
[63] Josef farrugia vs Christopher Carabottet, Appell Civili, deciza 3 ta' Frar, 2012

fehma tal-Qorti li l-partijiet fil-kawza li ghandhom sehem mill-htija ta' l-akkadut huma l-imharrek Bonnici kif ukoll l-attur. Dan ta' l-ahhar ta sehmu ukoll f'dak li gralu u dan bil-konsegwenzi legali li din ic-cirkostanza ggib maghha[64].

Minbarra l-principju enunzjat illi min jaghmel il-hsara jrid iwiegeb ghaliha, huwa mperattiv ukoll li jigi stabbilit illi hija dik il-htija partikolari li kkagunat id-dannu – dak hekk imsejjah in-ness bejn il-htija u d-dannu. F'kaz fejn il-parti li tkun garrbet il-hsara tkun hija stess illi kkontribwixxiet jew ippartecipat biex immaterjalizza dak id-dannu lamentat, il-Qorti hija moghnija bid-diskrezzjoni li tqis f'liema grad il-parti tkun ikkontribwiet jew ippartecipat ghall-hsara li batiet. Dan ifisser li jista' jkun hemm tnaqqis proporzjonali fil-kumpens li altrimenti jkun dovut lill-persuna li tkun batiet id-dannu jekk jkun ippruvat illi hija ppartecipat fil-holqien tal-hsara. Gia la darba ezercizzju bhal dan huwa mholli f'idejn il-Qorti u l-ligi kif inhi ma tippreskrivi l-ebda regola, il-provi prodotti mill-partijiet huma determinanti.

Il-pass li jmiss ghalhekk huwa li l-Qorti tqis jekk il-htija li giet attribwita lil imharrek Bonnici u lill-attur kellhiex rabta mad-dannu attwalment mgarrab minn dan ta' l-ahhar. L-atturipprezenta l-opinjoni ta' espert *ex parte* Profs. Thomas Fenech illi jorbot il-hsara li garrab l-attur ma' l-incident li sehh f'Tal Kus. Fil-konkluzzjonijiet tieghu, l-espert jipprogetta illi id-dizabilita' li sofra l-attur hija ta' natura permanenti u l-percentwali ta' debilità tista' titla' sa tletin fil-mija(30%) jekk jispicca jitlef id-dawl ta' dik l-ghajn. Waqt ix-xhieda li ta' Profs. Fenech qal hekk:

*" l-injuries li rajt huma typical of an injury. Kellu l-iris li ma tiffunzjonax, catalyst typical of traumatic cataract. Ma kienx hemm underlying causes ohra bhal diabete li setghu effettwaw dan kollu"*[65].

Il-Qorti tinnota li hadd mill-intimati ma kien prezenti ghas-seduta meta xehed l-espert *ex parte*, u ghalkemm il-kontro ezami gie rizervat ma talbux biex dan isir.

Minbarra l-espert mediku *ex parte* l-Qorti nnominat ukoll espert taghha, Mr. Benedict Vella Briffa. Fir-rapport tieghu jikkonkludi li l-attur sofra

[64] Art. 1051 tal-Kodici Civili, Kap 16 Ligijiet ta' Malta
[65] A fol 262 tal-process

debilita' ta' sebgha u ghoxrin fil-mija (27%). Hadd mill-partijiet ma kkontesta l-konkluzzjoni ta' l-espert mediku. Da parti taghha l-Qorti ma tara l-ebda raguni ghaliex ma ghandhiex toqghod fuq is-sejbin ta' l-espert mahtur minnha u ghalhekk ser taddotta r-rapport u taghmlu taghha.

Tenut kont tal-provi kollha l-Qorti jidhrilha ghalhekk, li filwaqt li l-attur ghandu jerfa' nofs (1 /2) mill-htija ta' dak li gralu, l-imharrek Bonnici irid jerfa' n-nofs (1 /2) l-iehor.

Il-Qorti issa trid tghaddi ghal-likwidazzjoni ta' kumpens xieraq lill-attur. Fit-talbiet tieghu l-attur jitlob li jinghata kumpens ghat-telf ta' qligh ghall-gejjieni (*lucrum cessans*) kif ukoll id-danni emergenti (*damnum emergens*). Mill-provi prodotti jidher li t-talba tieghu hija msejsa fuq il-fatt li rizultat ta' l-incident huwa tilef konsiderevolment l-uzu ta' ghajnejh il-leminija, kif ukoll ghamel spejjez li kieku ma kienux ghall-incident ma kienx jaghmilhom. Biex tasal ghal-likwidazzjoni ahharija jmiss lill-Qorti li tqis it-telf ta' qligh li l-attur seta' bata minn dakinhar ta' l-incident sallum, u dak li se jbati fil-futur rizultat tan-natura permanenti ta' l-inkapacita' li sofra, kif ukoll tara l-provi dwar l-ispejjez inkorsi mill-attur.

Rigward il-kumpens, dan huwa marbut sew mal-fatt li konsegwenza tal-l-korriment il-vittma titlef opportunitajiet li kieku ma kienx ghall-incident kienet tkun tista' tgwadihom. Dan anke jekk wara l-incident tkun baqghet tipprecepixxi l-istess paga jew addirittura kellha titjib fil-kundizzjonijiet tax-xoghol[66].

Illi fil-kaz prezenti, it-telf ta' qligh fil-gejjieni jrid jigi mistharreg fil-kuntest li l-attur kellu erbghin (40) sena meta sehh l-incident. Huwa kien jahdem *full time*. Stefan Salamone fix-xhieda tieghu[67] jghid li l-paga li kien jircievi mill-2012 'il quddiem ma nbidlitx u kienet ta' hdax–il elf mija u hmistax-il elf ewro u sittin centezmu (€11,115.60) bhala paga bazika. Ma' dik il-paga kellu tliet allowances; wahda ghal *wear and tear* fl-ammont ta' mitejn tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94), *shift allowance* ta' tliet mija u tliet ewro u erbghin centezmu (€303.40), u *land fill allowance* fl-ammont ta' elf mija erbgha u tmenin ewro u tmienja u sittin centezmu (€1184.68). L-ammonti appena citati maghdudin flimkien igibu total ta'

[66] Maurice cini et vs MKIC Ltd. Et, Prima Awla, deciza 10 ta Ottubru, 2019.
[67] A fol 206 tal-process

tnax–il elf tmien mija u sittax–il ewro u tnejn u sittin centezmu (€12,816,62).

Madankollu minn dokument mahrug mill-kumpanija mharrka u pprezentat in atti minn Charlo Buttigieg[68] jirrizulta li l-pakkett tas-salarju nkluz l-*allowance* ta' l-attur tammonta ghal tlettax–il elf, seba' mija u disgha u disghin ewro u tnejn u disghin centezmu (€13,799.92). Ghalkemm bejn l-ammont ikkwotat fil-paragrafu ta' qabel dan u l-ammont ikkwotat fid-dokument mahrug mill-Wasteserv Malta Limited hemm diskrepanza din il-Qorti ser tibbaza l-kalkolu taghha ta' kumpens fuq dan l-ahhar ammont u dana billi jirrrizulta minn dokument mahrug mis-socjeta' mharrka.

Inghad f'sentenzi ricenti li tenut kont ta' l-eta ta' l-attur meta sehh l-incident huwa mportanti wkoll li jittiehed kont ta' l-incertezza ta' *chances and changes of life*. Dan ifisser li ghalkemm l-attur kellu aspettattiva ta' hajja lavorattiva ta' 25 sena, il-Qorti ma tistax tinjora l-incertezza tal-hajja. Il-*multiplier* ma hux kejl rigidu li jigi applikat awtomatikament. Il-Qorti ghandha tuza d-diskrezzjoni taghha sabiex tasal ghall-*multiplier* gust u dana f'kaz fejn l-aspetattiva hija fit-tul u konsegwentement l-incertezza tkun akbar. Il-*multiplier* ghandu jigi applikat sabiex ikun stabbilit bilanc bejn id-dritt tal-korrut u l-obbligu ta' min ikkawza l-hsara. Mhux il-kaz li wiehed jadoperah bhal li kieku hemm xi certezza dwar ghexieren ta' snin futuri, ghax dan huwa kamp fejn ghandha tregi l-moderazzjoni. Maghmula dawn il-konsiderazzjonijiet u li l-attur fl-2015 kellu 40 sena, din il-Qorti tqis li multiplier ta' 25, bhala wiehed l-aktar addattat.

Imiss issa tigi trattata t-tnaqqis minhabba l-*lump sum payment*. Huwa ormai pacifiku li *"soltu li jsir tnaqqis iehor ta' 20% ghall-fatt li jkun ser ikun hemm hlas f'daqqa ("lump sum payment") lill-beneficcjarji. Jekk id-decizjoni, pero', tkun se tinghata wara tul ta' certu zmien, hi l-prattika li l-percentagg ta' tnaqqis jonqos, u hi konswetudini tal-Qrati, li jekk kawza ddum aktar minn sentejn, il-persentagg jonqos b'zewg punti ghal kull sena ohra li l-kawza ddum biex tigi deciza.*[69]"

[68] A fol 55 tal-process
[69] Joseph Agius v All Srvices Ltd. Deciza 2 ta' Gunju, 2005.

Huwa stabbilit ukoll li dan it-tnaqqis ghandu jibda jigi kkalkolat minn meta tigi ntavolta l-kawza u mhux minn meta sehh l-incident. F'dan il-kaz l-attur fetah il-kawza sentejn wara li gara l-incident, u ghaldaqstant fil-fehma tal-Qorti t-tnaqqis li ghandu jsir in linea mar-regoli mhaddna li mis-somma titnaqqas percentwali ta' tnejn fil-mija (2%) ghal kull sena li tghaddi minn dakinhar li nfethet il-kawza sa dakinhar li tinghata s-sentenza, sejjer isir tnaqqis ta' tnejn fil-mija (2%) mis-somma ta' danni likwidata;

Billi l-Qorti sejra toqghod fuq il-fehma tal-espert mediku nnominat minnha u dana ghar-ragunijiet gia moghtija, hija sejra tadotta l-percentwali globali ta' sebgha u ghoxrin fil-mija (27%) bhala debilità shiha li qieghed igorr l-attur u li sejra tibqa' mieghu tul hajtu;

Ghalhekk ghall-fini li jigi komputat il-*lucrum cessans* din il-Qorti ser tadotta s-segwenti: Paga - €13,799.92;
Dizabilita' - 27%;
Multiplier (25) – hamsa u ghoxrin sena.

Kwindi tlettax-il elf seba' mija u disgha u disghin ewro u tnejn u disghin centezmu (€13,799.92) x 25 = tliet mija u erbgha u erbghin elf disa' mija u tmienja u disghin ewro (€344,998) x 27% = tlieta u disghin elf mija disgha u erbghin ewro u sitta u erbghin centezmu (€93,149.46).

Minhabba li l-Qorti ma sabitx lis-socjeta' konventa Wasteserv Malta Limited responsabbli ghad-danni izdaikkonkludiet li l-attur irid jerfa' nofs id-danni minhabba li kkontribwixxa ghad-danni bl-agir tieghu stess, fil-waqt li l-imharrek Bonnici irid jerfa' r-rimamenti nofs l-iehor, dan iwassal ghal-likwidazzjoni tad-danni dovuti lill-attur fis-somma ta'sitta u erbghin elf, hames mija erbgha u sebghin ewro u tlieta u sebghin centezmu (€46,574.73).

Barra mil-*lucrum cessans* l-attur talab ukoll id-*damnun emergens*. L-Artikolu 1045 tal-Kodici Civili jipprovdi hekk fir-rigward tad-*damnum emergens*:

**"1045. (1) Il-hsara li l-persuna responsabbli ghandha twiegeb ghaliha, skont id-dispozizzjonijiet ta' qabel, hija t-telf effettiv li l-eghmil taghha jkun gieb direttament lill-parti li tbati l-hsara, l-ispejjez li din il-parti setghet kellha taghmel minhabba l-hsara, it-telf tal-paga jew qligh iehor attwali…"**

L-attur pprezenta skorta ta' ricevuti[70] ta' spejjez inkorsi minnu rizultat ta' l-incident. L-ammont komplessiv ta' dawn l-ispejjez huwa ta' elf, mija wiehed u erbghin ewro u sebgha u tmenin centezmu (€1141.87). Ebda wahda minn dawn l-ircevuti ma giet kontestata min-naha tal-imharrkin u ghalhekk il-Qorti tqis illi l-ammont imsemmi u li jirrapprezenta d-*damnum emergens* huwa misthoqq. Pero' jrid jinghad illi f'dan il-kaz ukoll minhabba l-kontributorjeta' ta' l-attur ghall-incident, nofs dan l-ammont ghandu jkun sopportat mill-attur innifsu, filwaqt li n-nofs l-iehor huwa dovut mill-imharrek Bonnici li jfisser li l-ammont dovut lill-attur *qua damnum emergens* jammonta ghal hames mija u sebghin ewro u tlieta u disghin centezmu (€570.93)

B'dan illi l-ammont totali in likwidazzjoni ta' danni, jigifieri l-*lucrum cessans* flimkien mad-*damnum emergens* dovut lill-attur jammonta ghal sebgha u erbghin elf, mija hamsa u erbghin ewro u disgha u sittin centezmu (€47,145.69).

**DECIDE**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qieghda taqta' u tiddeciedi l-kawza billi: Filwaqt li tichad l-ewwel u t-tieni eccezzjoni preliminari ta' l-imharrka Wasteserv Malta Limited, tilqa' l-bqija ta' l-eccezzjonijiet sollevati minnha;

Fil-waqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' l-ewwel eccezzjoni tal-imharrek Mario Bonnici u dan ghar-ragunijiet gia moghtija, tichad it-tieni u t-tielet eccezzjonijiet preliminari ta' dan l-imharrek, kif ukoll tichad l-eccezzjonijiet ta' l-istess imharrek fil-mertu;

Tilqa' l-ewwel talba attrici parzjalment u ssib li s-socjeta' mharrka Wasterserv Malta Limited ma hix responsabbli ghall-incident li sehh fit-8

[70] A fol 99 et seq tal-process

ta' Dicembru, 2015 fl-impjant tal-Wasteserv Malta Limited gewwa x'Xewkija Ghawdex, lill-imharrek Mario Bonnici jahti ghal nofs (1/2) mid-danni mgarrba mill-attur bhala rizultat ta l-incident gia msemmi, filwaqt li l-attur jahti ghan-nofs (1 /2) l-iehor minħabba l-kontributorjetà ghal dak li gralu;

Tilqa' t-tieni talba attrici, u ssib li l-attur Joseph Cordina sofra debilita' permanenti f'ghajnu l-leminija;

Tilqa' it-tielet talba u tillikwida d-danni fis-somma ta' sebgha u erbghin elf, mija hamsa u erbghin ewro u disgha u sittin centezmu (€47,145.69).

Tilqa' r-raba talba attrici, u tikkundanna lill-imharrek Mario Bonnici ihallas lill-attur is-somma ta' sebgha u erbghin elf, mija hamsa u erbghin ewro u disgha u sittin centezmu (€47,145.69), flimkien ma' l-imgħax legali fuq l-imsemmija somma b'sehh millum sal-jum tal-hlas effettiv;

Tordna li l-ispejjez ta' din il-kawza jithallsu nofs (1/2) mill-attur u nofs (1/2) mill-imharrek Bonnici.

(ft.) Dr. Brigitte Sultana
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur